MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 1318/1998/1

**Francis u Victoria konjugi Saliba**

**Vs**

**Anne Louise Gaffiero u Patrick Gaffiero**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi konsegwenza ta' hsarat u tkissir li l-konvenut volontarjament ghamlu gewwa l-propjeta tal-atturi u cioe fil-fond Flat 2, Francis Flats, Alley 1, Brittania Street, Mosta u dana waqt iz-zmien li l-imsemmi fond kien mikri lill-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 20 ta' Mejju 1998, u bl-imghax legali mid-data ta' l-imsemmija

ittra interpellatorja, u l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, Anna Gaffiero, (fol 4 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li hi m'ghamlet l-ebda hsarat u tkissir volontarjament fil-fond indikat fl-avviz.
2. Illi konsegwentement m'ghandha tigi kkundannata thallas l-ebda ammont.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 5, 7, 26, 27, 28, 29, fol 53 u fol 54 ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, jkun opportun li jigi deciz dwar x'inhi l-pozizzjoni legali tal-konvenut f'dawn il-proceduri. Difatti l-konvenuti huma separati legalment u ghalhekk, saru diversi tentattivi sabiex il-konvenut jigi notifikat bl-avviz in esami izda, filfatt, dan qatt ma gie rintraccat. Minhabba hekk, kif jidher a fol 14 u 15, kienet giet milqugha talba maghmula permezz ta' rikors presentat mill-atturi, sabiex il-konvenut jigi notifikat permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, biss, liema pubblikazzjoni effettivament saret (fol 16 ibid). Bhala konsegwenza, wara li gie presentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess konvenut (fol 27 ibid), dan ma kienx deher, kif jidher mill-verbal ta' seduta a fol 28, sabiex jikkontesta t-talba attrici. Pero' hu probabbli hafna li l-istess konvenut kien imsiefer minn Malta (ara fol 53 ibid) u b'hekk in-notifika kif saret, ma hiex konformi mal-ligi (ara l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara ukoll fol 54 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, kif maghmula t-talba in esami,l-atturi kelhom jipprovaw illi l-konvenuta ikkagunat hsarat volontarji, fil-post in kwistjoni, mikri lill-konvenuti waqt l-istess kirja (ara l-artikolu 562 tal-istess Kapitolu 12 dwar l-"onus probandi" ta' fatt allegat). In sostenn ta' dan, l-atturi ssottomettew is-segwenti provi:-

a) <u>L-attrici</u> (fol 30 et seq ibid) xehdet illi hi u zewgha kienu krew il-post imsemmi fl-avviz, lill-konvenut meta dan "… kien mizzewweg lill-konvenuta". L-istess kirja kienet damet ghal madwar tmien snin sakemm il-konvenuti hargu minnu matul l-1998. Wara li telqu l-konvenuti, hi kienet sabet illi "… kien hemm hafna hsarat fil-post mikri lilhom". Hi kompliet biex tghid illi l-konvenuta kienet avzatha li kienet ser tohrog mill-istess post. Inoltre din kienet harget minghajr ma saret ispezzjoni tal-post mikri u dan "… billi halliet ic-cwievet fil-letter box" tieghi. L-ghada li gara dan, l-attrici sostniet illi, fl-istess post u fi kliemha stess ……. sibna dizastru u ghalhekk kien gie inkarigat il-Perit Ludovico Micallef sabiex jikkwantifika d-danni, kif semmiet fix-xhieda taghha. Hi spiccat billi tghid illi, fit-terminazzjoni tal-kirja kienu jirrisjedu, fil-post mikri, l-konvenuta, binha u aktarx il-"boyfriend" taghha billi zewgha "… ma kienx jghix fil-post" f'dan il-perjodu.
b) Dwar l-allegati hsarat u danni kagunati mill-konvenuti, gie prodott l-imsemmi <u>Perit Ludovico Micallef</u> (fol 34, 37 u fol 50 et seq ibid). Dan ikkonferma l-kontenut tad-dokument iffirmat minnu u li gie esebit mill-istess atturi (ara fol 37 u fol 38 ibid) f'liema dokument hu elenka l-imsemmija hsarat li "… ma kienux strutturali" minghajr pero' ma gew stmati. Dwar dan il-punt, hu verbalment semma illi "… wasalt ghal stima li tasal ghal Lm500 jew madwar".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenuta</u> (fol 41 et seq ibid) bdiet billi tghid illi l-konvenut, zewgha "… salfejn naf jiena m'ghadux Malta". Hi kompliet billi tghid illi hi u zewgha kienu bdew jirrisjedu fl-istess post matul l-1989 waqt li zewgha kien telaq fl-1994. Meta kien gara dak li ghadu kemm inghad, l-atturi riedu li l-kera joghla u difatti l-ammont ta' kera kien zdied

minn Lm25 fix-xahar sa Lm42. Eventwalment, l-istess atturi kienu xtaqu ukoll li jsir ftehim gdid ta' kera "… minhabba li kienet inbidlet il-ligi tal-kera". Pero dwar dan ma kienx gie milhuq ftehim u hawnhekk kien li, skond il-konvenuta, "….. bdew il-problemi. Difatti, skond dejjem kif xehdet l-istess konvenuta, l-atturi "…. Ma baqghux jaghmlu maintenance kif kien jsir precedentement". Inoltre kien hemm problemi dwar parkeggaw u dwar dhul ta' terzi persuni fl-istess appartament. Ghalhekk hi, kienet iddeciediet li tohrog mill-post u takkwista post iehor, kif filfatt gara fl-1998. Dwar il-post in kwistjoni, hi semmiet illi kien hemm zewg apartamenti b'tarag komuni maghmul b'mozajk, bl-appartament mikri lilha jinsab fit-tieni sular taht il-bejt tal-blokk waqt li l-iehor kien okkupat minn terzi persuni. Dwar l-allegati hsarat li kienet cahdet illi hi u zewgha kienu kkagunaw xi hsarat volontarji. Dwar it-tarag komuni gja msemmi, hi sostniet illi ma kienetx taf minn kien li ghamel "cippjaturi" fih avolja ma eskludietx illi dawn ".. setghu gew ikkagunati peress li kelli ngorr it-tank tal-gas ghal zewg sulari".

Ikkunsidrat

Illi dwar it-talba in esami, fil-fehma tal-Qorti ghandhom jigi rilevati s-segwenti punti:

a) Kif di gja inghad, ma jidhirx illi l-konvenut gie notifikat skond il-ligi u hemm probabbilita kbira illi, mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri l-istess konvenut kien telaq minn Malta;
b) Kif jidher mill-provi, ma gie esebit l-ebda ftehim li seta' kien sar bil-miktub bejn il-partijiet involuti f'dan il-kaz. Dwar dan il-punt hadd mill-partijiet sema li kien sar tali ftehim. Inoltre l-konvenuta sostniet illi sakemm inqalghu problemi kif spjegati fix-xhieda taghha, kienu is-sidien stess li kienu jiehdu hsieb il-manutenzjoni tal-post mikri. Ghalhekk l-istess Qorti ma setghetx taccerta ruhha dwar minn kien responsabbli ghall-manutenzjoni ordinarja fl-appartament mikri lill-istess konvenuti jew a basi ta' ftehim bil-miktub jew verbali jew bl-operat tal-ligi li tirregola il-materja in esami.
c) Kif risultanti mill-istess avviz u kif di gja gie rilevat, l-atturi kienu obbligati li jipprovaw bhala fatt, illi l-allegati

hsarat, kif deskritti mill-imsemmi Perit, kienu effettivament kagunati, volontarjament mill-atturi. Dan jindika illi l-atturi kellhom jipprovaw mhux biss li l-istess hsarat saru minhabba negligenza da parti tal-konvenuti izda minhabba "dolo" da parti ta' danni ossija intenzjonalment mill-istess konvenuti. Certament dan ma giex pruvat mill-provi prodotti u kif hawn fuq esposti.

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess, it-talba in esami ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------